# REĠJUN TRAMUNTANA

**112 Triq Ġulju, Buġibba, San Pawl il-Baħar SPB 2617, Malta.**

**Laqgħa tar-Reġjun Tramuntana numru 3 ta' 2021, miżmuma nhar is-16 ta' Marzu 2021, ġewwa l-Uffiċċju Amministrattiv tar-Reġjun Tramuntana.**

Il-Laqgħa bdiet fis-seba' ta' filgħaxija.

---

Preżenti

Membri Preżenti:

| | | | |
|---|---|---|---|
| • Anton Mifsud | | | President |
| • Paul Vella | Mġarr LC | | Viċi President |
| • Raymond Schembri | Dingli LC | | Membru |
| • Abraham Aquilina | Għargħur LC | | Membru |
| • Christianne Mifsud | Mtarfa LC | (online) | Membru |
| • Mary Anne Abela | Swieqi LC | (online) | Membru |
| • John Buttigieg | Mellieha LC | (online) | Membru |
| • Romilda B. Zarb | Mosta LC | (online) | Membru |
| • A.M.Muscat Fenech Adami | Naxxar LC | (online) | Membru |
| • Omar el Arab | Pembroke LC | (online) | Membru Delegat |
| • Daryl Connor | San Pawl il-Baħar | (online) | Membru |
| • Matthew Chetcuti | Rabat LC | (online) | Member |

Membri Skużati:

Membri Assenti:

| | | |
|---|---|---|
| • Peter Sant Manduca | Mdina LC | Membru |

Is-Segretarju Eżekuttiv – George Abdilla



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

AĠENDA

3.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
3.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
3.3 Komunikazzjoni tal-President;
3.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri:
  3.4.1 Mgarr Solar Farm
  3.4.2 SPI/SCI/7/2020 – Smart Solutions
  3.4.3 SPI/SCI/3/2021 – Cultural Activities
3.5 Kumunikazzjoni
3.6 Rapporti;
3.7 Affarijiet oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;
  3.7.1 Planning Authority - Consulation on Open Spaces
  3.7.2 Malta Tourism Authority - Consulation on Tourism
  3.7.3 Schools proposals
    3.7.3.1 Masks
    3.7.3.2 Book
  3.7.4 Portable cigarette bin proposal
  3.7.5 Waste management
  3.7.6 CCTV Tender abjudication
3.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
3.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-Laqgħa nfetħet mil-President Anton Mifsud. Bdiet fis-19.00hrs. Is-Sur Mifsud fetaħ il-laqgħa billi rringrazzja lill-membri tal-attendenza.

## - Qari t' Apoloġiji

Is-Sinjur Peter Sant Manduca kien assenti.

## - Kunsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Minuti

Il-Minuti tal-laqgħa numru 2 ta' 2021 ittieħdu bħala moqrija.  Romilda ipproponiet li jkunu approvati.  John Buttigieg issekonda l-mozzjoni. Il-membri qablu unanimament.

Punti Mqajjma:

Romilda B Zarb talbet aġġornament fuq il-*Community Policing.* Is-SE għandu jsejjaħ laqgħa mal-uffiċjali tal-Pulizija.

Mgarr Solar Farm – Paul Vella spjega li l-Kunsill kien tkellem fuq dan is-suġġett u qabel li jitlob l-għajnuna tar-Reġjun.  Il-membri qablu li r-Reġjun għandu jappoġja lill-Kunsill tal-Imġarr.  Is-SE informa lill-membri li l-Kunsill tal-Imġarr kien kiteb formalment b'din it-talba.  Informa lill-mejda ukoll li kif kien mitlub fl-aħħar laqgħa, kien tkellem ma speċjalist biex jara jekk jistax jiprepara rapport fuq din il-materja.



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

## Komunikazzjoni mil-President

Il-President semma' l-laqgħa li kienet għadha kemm saret fuq it-tender tal-ġbir tal-iskart. Ġibed l-attenzjoni lill-membri biex joqgħodu attenti milli jwaqqfu xi kuntratt anke jekk dan ikun ordnat mid-Dipartiment. Spjega x'kien ġara bit-tender ta' AO fejn il-Ministru, tramite ta' ordni maħruġa mid-DLG. Dan kien wassal biex AO fittex lir-Reġjun u spiċċaw tħallsu 164K ta' xogħol li qatt ma wettqu.

## - Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

Fir-rigward tat-tender għal Contract Management, Is Sur Raymond Schembri talab lis-SE x'interess hemm fuq dan il-kuntratt. Is-SE spjega li f'dan il-mument, tliet Kunsilli biss huma interessati.

Anne Marie Muscat Fenech Adami semmiet il-problema tal-iżvilupp fiz-zona tal-Wej. Talbet li r-Reġjun ukoll ikun wara l-Kunsilli Lokali tal-Mosta u n-Naxxar.

## – Komunikazzjoni

## – Rapporti

.

## – affarijiet oħra

Tender CCTVs – Is-SE ippreżenta r-rapport tal-bord tal-evalwazzjoni rigward it-tender tas-CCTV. Anton Mifsud ipropona li jkun approvat. Paul Vella issekonda il-mozzjoni. Il-membri qablu unanimament.

Paul Vella issuġġerixxa li r-Reġjun jaħdem numru ta' maskri għall-iskejjel biex jibni iktar l-identita'Reġjonali.

Romilda B Zarb issuġġeriet li r-Reġjun jaħdem biex jagħmel numru ta' portable ashtrays. Din kienet issekondata minn Raymond Schembri.

Is-SE issuġġerixxa li r-Reġjun javviċina importaturi tas-sigaretti u jara jistax jagħmel proġett konġunt mal-industrija. Il-Membri qablu unanimament.

Covid Vaccination – Romilda B Zarb, issekondata minn Matthew, pproponiet li r-Reġjun jitlob lid-Dipartiment tas-Saħħa biex jikkonsidra lill-Kunsilli bħala front-liners u jipproċedi biex itihom. Il-President filwaqt li jaqbel li l-Kunsilli għandhom ikunu kkunsidrati bħala front liners, qal li l-AKL kienet diġa' kitbet lil-Prof Charmaine Gauci b'din it-talba, iżda din ma kinitx aċċettata. Is-SE intalab jerġa' jikteb rigward din il-materja lil-Prof Gauci. Il-membri qablu unanimament.

Paul Vella, issekondat minn Anne Marie Muscat Fenech Adami, issuġġerixxa li r-Reġjun jagħmel numru ta’ ashtray viċin il-ħwienet biex jitnaqqas il-ħmieġ.  Kien issuġġerit li s-SE jara jsibx kumpaniji nteressati li jaħdmu din il-proposta flimkien mar-Reġjun.  Il-membri qablu unanimament.

## Kunsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

L-iskeda 135 kienet preżentata.  Paul Vella ippropona li tkun approvata.  Abraham Aquilina issekonda.  Il-membri qablu unanimament.

## Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fid-disgħa ta’ filgħaxija.
Il-laqgħa li jmiss ser tkun nhar it-Tlieta 13 ta’ April 2021, fis-sitta u nofs ta’ filgħaxija.

_________________________ _____________________________

Anton Mifsud
President
Approvati llum 16 ta’ Marzu 2021

George Abdilla
Segretarju Eżekuttiv



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt